**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U ĦAMSIN 15ta' MEJJU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **52.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 52.1.1 | | Il-Kunsillier Joseph Dámato avża li ma kien ser jattendi. **Dok 1 anness**. Il-kunsill laqa l-apoloġija. |
| | | |
| **52.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 52.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u ħamsin –il seduta. |
| | | |
| ***52.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 52.3.1 | | Is-Sindku qal li fi Vjal l-Indipendenza kien hemm inċident tat-traffiku u nkissret it-*traffic island* ta' faċċata tat-telephone box.<br>Jeħtieġ li tiġi rranġata. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***52.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 52.4.1 | | Il-Kunsiller Tiffany Ann Farrugia qalet li fi Triq is-Sardinell f'Bubaqra, qed isir żvilupp ta' bini u ġie mtella ħajt, b'nuqqas ta' aċċess għat-toroq tal-viċin.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra bagħat |

| | | |
|---|---|---|
| | | email lill-Awtorita tal-Ippjanar biex isibu toroq alternattivi biex jinfetħu, ħalli r-residenti jkollhom aċċess. |
| | | |
| 52.4.2 | | Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia qalet li kellha ilmenti fuq pot li hemm fi Triq il-Kunċizzjoni fil-ġemb tal-knisja.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik il-pot saret minħabba li kienu qed jipparkjaw il-vetturi u l-vetturi li jgħaddu kienu qed jagħmlu ħsara lill-gallarija ta' faċċata. |
| | | |
| 52.4.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li bejn is-17 u 18 ta' Ġunju ser ikun hemm Executive Board meeting ġo Poland tal-IAPMC, fejn il-Kunsill lokali taż-Żurrie qhu membru tal-istess bord. Kien hemm qbil li jattendi l-Kunsillier David Abdilla, bħas-soltu. |
| | | |
| 52.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• jeħtieġ li jiġi miżbur il-palm ta' fejn il-pompa tal-petrol. Is-Sindku qal li tali palm diġa ġie miżbur.<br>• Staqsa fuq il-palm li kellu jitneħħa mir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto. Il-Kunsillier David Abdilla qal li s'issa l-kunsill ma rċeviex risposta imma ġaladarba l-kunsill kien qabel li jinqalgħu, tali palm ser jinqalgħu żgur.<br>• Hemm tumbata fi Triq Espeditu Deguara, li minħabba l-blokka bini li saret, għandha titneħħa għax qedgħa ta' ostaklu għas-sewwieqa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issuġġerixxa li Triq Espeditu Deguara issir *one way*. Kien hemm qbil li tali proposta titressaq f'leġislatura oħra.<br>• Hu qal li rnexxielu jġib żewġ persuni jaħdmu fiż-Żurrieq biex jaqtgħu l-ħaxix biss. Dawn bdew jaħdmu din il-ġimgħa stess. |
| | | |
| ***52.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***52.5a*** | | ***Ittra tal-Udituri u r-risposta għall-ittra tal-Udituri.*** |
| | | |
| **52.5A** | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-*management letter* mibgħutha mill-awdituri wara li nvestigaw x'sar mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq tul is-sena 2018.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll it-tweġiba draft ta' li rrisponda l-Kunsill bl-għajnuna tal-accountant tal-Kunsill.<br><br>Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| ***52.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 52.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għandu bżonn Data Protection officer kwalifikat, biex jibda joħroġ rapporti fejn meħtieġ u jkun inkarigat mid-data protection policy tal-lokal kollu, inkluż is-CCTV li huma installati fil-lokal. Dan ġie awtorizzat permezz ta' ċirkulari 6/2019 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġabret stima ta' servizz ta' Data Protection officer biex jagħti s-servizz għal sena u li jinkludi r-rapport meħtieġ għal min jinstalla CCTV.<br>Il-kumpanija Boom Consultancy and Advisory Services, lesta li tagħmel tali xogħol għal prezz ta' 4,800Euro. **Dok 2 mehmmuż**<br><br>Kien hemm qbil li x-xogħol jingħata lil din il-kumpanija u tibda tagħti s-servizz fl-immedjat. |
| | | |
| 52.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha laqgħa mad-Direttur Ġeneral u d-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn ingħatat informazzjoni li dawk it-toroq li ma sarux taħt il-Miżura 4.3, minħabba nuqqas ta' qbil jew dewmien mill-kuntrattur tal-Kunsill, kienet lesta li tkompliehom Infrastructure Malta bl-istess prezzijiet li l-Kunsill kien ser iħallas taħt l-istess miżura.<br>Id-Direttur Generali talab konferma mill-Kunsill li kien lest li jiffirma Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta fuq dan ir-rigward.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 52.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, laħaq ftehim ma' feeder tal-qtates fil-lokalita' u ma' Vet fil-viċinanzi, biex isewwu l-qtates tal-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv avviċinat lill-Kunsill u lill-feeder tal-lokal fejn tawha informazzjoni li l-Kunsill Lokali alloka 3,000Euro fuq dan il-każ. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il- ftehim li hemm biex tagħti ideja lill-Kunsill kif jista jimxi. **Dok 3 mehmuż**<br><br>Kien hemm qbil unanimu, li ġaladarba l-kunsill ikun qed jimxi skont il-liġi, tali ftehim jista jagħmlu ukoll il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet issib feeder responsabbli biex tieħu dan l-inkarigu. Hi qalet li diġa taf persuna rreġistrata bħala feeder li tista taċċetta din ir-responsabilta. |
| 52.6.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni minn residenti tal-farm houses ta' Triq Hal Far biex issir sleeping policeman quddiemhom.<br><br>Kien hemm qbil li titressaq il-proposta lill-Transport Malta fuq dan il-każ. |
| | | |
| 52.6.5 | | Il-Kunsillier David Abdilla staqsa fuq il-persuna li kellha tiġi minn Transport Malta biex tagħti pariri fuq it-*traffic management* ta' fejn il-Maypole fi Triq Bronja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellix risposta minn Transport Malta.<br><br>F' dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Dino Bonnici (ħin 18:51) |
| ***52.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 52.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti:<br><br>• biex issir sleeping policeman fi Triq Hal Far k/m Triq Sant Andrija fejn il-kappella Ma kienx hemm qbil fuq din il-proposta ġaladarba ma tressqitx petizzjoni. |

| | | |
|---|---|---|
| 52.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' permess ta' tower crane fi Vjal l-Indipendenza (pjanta **annessa Dok 4**). Is-sid lest li jagħmel scaffolding biex ir-resdienti jgħaddu minn taħtu u l-istruttura tat-tower crane issir barra.<br><br>Kien hemm qbil li t-*tower crane* jkun fuq ġewwa u l-bankina ta' wisa 1.2m tkun fuq barra. Għandhom isiru tabelli 100 metru 'l bogħod jixgħelu (slow down) u jsiru *double yellow lines* faċċata tal-binja, biex it-triq tibqa' *two way traffic* mingħajr ostakolu. It-*tower crane* irid ikollu d-dawl fuq barra tal-istruttura. |
| | | |
| 52.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li fil-gurnata tal-għadd tal-voti, l-Kunsill jinżamm magħluq u ħadd ma jidħol fil-binja tal-Kunsill minħabba xi argumenti li jistgħu jinqalgħu. Hi qalet li kellha komunikazzjoni mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn informa li jekkil-Kunsill iħoss li għal fini ta' sigurta l-Kunsill ma jiftaħx, għandu javża lir-residenti b'avviżi.<br>Kien hemm informazzjoni li l-għadd tal-voti taż-Żurrieq ser isir l-Erbgħa ta' wara l-elezzjoni wara l-17:00 u r-riżultat ser ikun magħruf dak inhar stess.<br>Kien hemm qbil li l-uffiċċju jinfetaħ normali. |
| | | |
| 52.6.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li tittieħed ħsieb siġra li tmejlet fi ġnien il-Bennej.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***52.6b*** | | ***Bye law dwar attivitajiet fil-Ġnien tal-Ġibjun*** |
| | | |
| 52.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ġab l-avviżi fuq il-*bye law* hekk kif titlob il-liġi. Infurmat li kien hemm persuni li ġabru d-draft tal-*bye law* u ma kienx hemm oġġezzjonijiet jew suġġerimenti.<br>Għalhekk wara dan il-qbil, ser jiġi nfurmat id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jiproċessa l-bye law dwar l-attivitajiet fil-ġnien tal-ġibjun, ħalli tkun tista tibda fis-seħħ.<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill irċieva mingħand għaqda fiż-Żurrieq. **Dok 5 mehmuż**<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li meta fil-ġnien, ser ikun hemm attivitajiet kulturali għandha tapplika klawsola 9.2( tkun fid-deskrizzjoni tal-Kunsill illi l-użu tal-faċilitajiet għall-attivitajiet ta' natura filantropika, kultruali u sportiva jingħata mingħajr ħlas ). Filwaqt li meta jsiru attivitajiet ta' tombla jew riċevimenti fejn l-għaqdiet ser jaqilgħu l-flus, dawn għandhom iħalsu 35Euro. Dan ikopri l-ħlas tad-dawl u tindif tal-istess ġnien.<br>Il-kunsill qabel kollu minbarra l-kunsillier Kenneth Farrguia. |
| | | |
| ***52.6c*** | | ***Attendenza tal-Kunsiller Jean Pierre Attard*** |
| | | |
| 52.6c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li l-awditur ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv biex jirrapporta lill-Ministru li l-Kunsillier Jean Pierre Attard ma attendiex terz tas-seduti, tali referenza ġiet imniżla ukoll fil-management letter. Il-Kunsill ġie mwissi jimxi mal-Att 363 no.18. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-Ministru bin-nuqqas tal-Kunsillier u jinforma li l-kunsill ma jridx li jiddikjara l-post tal-Kunsillier vakant. |
| | | |
| ***52.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA*** |
| | | |
| 51.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 58 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***51.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 51.8.1 | | Ġew approvati u l-Minuti tal-laqgħa Numru 92 tal-Gal Xlokk u l-minuti tal-Kumitat Reġjonali Nofsinhar numru 18 u 19. |
| | | |
| ***52.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 52.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 6** għall-ammont totali ta' **€66,437.86**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsillier Jean Pierre Attard.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. L-overtime li jista jkun hemm ikun dak urġenti biss. |
| | | |
| ***52.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 52.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 13 ta' ĠUNJU, 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 13 ta' ĠUNJU, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**